

Brussell, 27 ta' Jannar 2017
(OR. en)

5705/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0399 (COD)

CODEC 111
INST 39
JUR 44
JUSTCIV 16

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Diċembru 2016
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2016) 798 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jadatta għadd ta' atti legali fil-qasam tal-Ġustizzja li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 798 final.

Mehmuż: COM(2016) 798 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.12.2016
COM(2016) 798 final

2016/0399 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jadatta għadd ta' atti legali fil-qasam tal-Ġustizzja li jipprevedu l-użu tal-proċedura
regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni
Ewropea**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Kuntest tal-proposta

B'mod parallel mal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għall-Artikolu 290 u 291 TFUE għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, il-proposta preżenti tirrigwarda l-allinjament ta' tliet atti leġiżlattivi fil-qasam tal-Ġustizzja li għadhom jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju.

Dawn l-istrumenti jeħtieġ li jiġu allinjati permezz ta' proposta separata minħabba li kienu adottati taħt bażi ġuridika skont it-Titolu V, il-parti III tat-TFUE u għalhekk ma jorbtux lill-Istati Membri kollha, u b'hekk huma irrikonċiljabbli mal-bażijiet ġuridiċi tal-atti bażiċi l-oħra. Fit-tliet każijiet li huma, ir-Renju Unit u l-Irlanda għażlu li jiehd u sehem, b'konformità mal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda annessa mat-Trattat u d-Danimarka ma tiħux sehem, b'konformità mal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat.

It-Trattat ta' Lisbona mmodifia b'mod sostanzjali l-istruttura fir-rigward tas-setgħat li jistgħu jiġu kkonferiti lill-Kummissjoni mil-leġiżlatur. Huwa jipprovdi distinzjoni ċara bejn atti ta' natura kważi leġiżlattiva minn naħa, u min-naħa l-oħra atti li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' att bażiku. Huwa jipprovdi wkoll qafas legali interament differenti għal kull tip ta' att.

Iż-żewġ dispożizzjonijiet ikkonċernati huma l-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem it-"TFUE"), kif introdott mit-Trattat ta' Lisbona li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009⁽¹⁾. Huma jinkludu modifiki sostanzjali għall-proċeduri magħrufa s'issa bħala l-"proċeduri tal-komitoloġija".

Mil-lat tal-kliem użat, id-definizzjoni tal-atti delegati fl-Artikolu 290(1) hija simili ħafna ta' dik tal-atti li, skont id-Deċiżjoni 1999/468/KE², kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE, ("id-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija"), huma suġġetti għall-proċedura regolatorja bi skrutinju (PRS) stabbilita fl-Artikolu 5a ta' dik id-Deċiżjoni. Fiż-żewġ każijiet, l-atti kkonċernati huma ta' applikazzjoni ġenerali u huma mmirati biex jemendaw jew biex jissupplimentaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-istrument leġiżlattiv.

Għal din ir-raġuni, ir-reviżjoni tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija mir-Regolament 182/2011³ ("ir-Regolament dwar il-Komitoloġija"), li kienet adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 291(3) TFUE dwar is-setgħat ta' implimentazzjoni, ħalliet barra mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija. L-Artikolu 5a li jstabbilixxi l-PRS għalhekk kellu jinżamm b'mod provviżorju għall-finijiet tal-atti bażiċi eżistenti li jirreferu għal dan l-Artikolu.

¹ ĠU C 306, 17.12.2007

² ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

³ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

Għaldaqstant, il-PRS għadha tidher fit-tliet atti bażiċi eżistenti koperti minn din il-proposta u tibqa' tapplika (b'konformità mal-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija) f'dawk l-atti sakemm jiġu formalment emendati u adattati għat-Trattat ta' Lisbona.

Fil-mument tal-adozzjoni tar-Regolament 182/2011, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tirrevedi d-dispożizzjonijiet meħmuża ma' din il-proċedura, sabiex evetwalment taddattahom għall-kriterji stipulati fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea⁴. Il-Kummissjoni kienet ipproponiet l-allinjament ta' dawn l-atti iktar qabel fl-2013⁵. Hekk ukoll, fi proposta separata, imma minħabba l-istagħnar tan-negozjati interistituzzjonali dwar dawn il-fajls, il-Kummissjoni, kif imħabbar fil-Programm ta' Ħidma tal-2015⁶, irtirat din il-proposta⁷.

Il-kwistjoni tal-allinjament reġgħet ġiet diskussa fit-taħditiet dwar ir-reviżjoni tal-Ftehim interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁸. L-istituzzjonijiet kollha għarrfu l-bżonn għall-allinjament u l-Kummissjoni impenjat ruħha li sal-aħħar tal-2016 tippreżenta proposta għdida biex tallinja l-atti leġiżlattivi li għad fihom referenzi għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Il-proposta preżenti tissodisfa dan l-impenn.

Fl-istess ħin, il-Ftehim Interistituzzjonali u l-Ftehim Komuni dwar l-Atti Delegati anness miegħu jtejjeb ukoll il-qafas għall-atti delegati u b'hekk iwiegħeb it-tħassib ewleni li spiss imblokka l-aċċettazzjoni tal-atti delegati min-naħa tal-Kunsill, jiġifieri l-konsultazzjoni tal-esperti tal-Istati Membri. Il-Ftehim issa jipprevedi impenn ċar għal konsultazzjoni sistematika ta' esperti mill-Istati Membri waqt it-tnejn ta' atti delegati, inkluż dwar l-abbozz tat-test, u b'hekk jissodisfa kundizzjoni ewlenija biex it-tieni tentattiv għal allinjament tad-dispożizzjonijiet l-antiki tal-PRS mat-Trattat ta' Lisbona jirnexxi. Dan l-impenn issa huwa espliċitament inkluż fil-klawżoli standard il-ġodda li jridu jintużaw fl-abbozzar ta' awtorizzazzjonijiet għall-Kummissjoni. Il-Ftehim jagħraf ukoll biċ-ċar ir-rwol importanti ta' kooperazzjoni u skambju ta' opinjonijiet bikrin mal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-atti delegati. Huwa jikkonferma li l-Parlament Ewropew irid jirċievi d-dokumenti kollha fl-istess waqt li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, inkluż l-abbozzi tal-atti delegati, u jistipula aċċess sistematiku u ffaċilitat għall-esperti tal-Parlament Ewropew għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkun qegħ idhejju l-atti delegati. Fl-aħħar nett, il-Ftehim jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tkun mistiedna għal laqgħat fil-Parlament Ewropew (jew fil-Kunsill) sabiex ikollha skambji ta' opinjonijiet ulterjuri fit-tnejn ta' atti delegati.

L-adattament għar-reġim tal-att delegat mhux se jaffettwa l-proċeduri pendenti li diġà ngħatat opinjoni dwarhom minn kumitat skont id-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija.

2. Metodu tal-allinjament u l-elementi ewlenin tal-proposta

Il-punt tat-tluq għad-determinazzjoni tal-**kamp ta' applikazzjoni** ta' din il-proposta huwa l-atti legali koperti fil-proposta ta' allinjament leġiżlattiv rispettiva adottata mill-Kummissjoni fl-2013. Atti li safrattant saru proposti leġiżlattivi individwali dwarhom mhumieks inklużi fil-proposta preżenti. Dan jikkonċerna żewġ atti fil-qasam tal-Ġustizzja: Ir-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li johlq

⁴ ĠU L 55 tat-28.2.2011, p. 19

⁵ COM(2013) 452 final.

⁶ COM(2014) 910 final.

⁷ (2015/C 80/08), ĠU C 80 tas-7.02.2015, p. 17.

⁸ ĠU L 123, 12.05.2016, p. 1.

proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea⁹ u r-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar¹⁰ intant ġew allinjati mir-Regolament (UE) 2015/2421 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 861/2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar u r-Regolament (KE) Nru 1896/2006 li johlq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea¹¹.

Fil-proposti ta' allinjament tal-2013, **l-approċċ leġiżlattiv** magħżul ma kienx li jiġi emendati l-atti bażiċi kkonċernati individwalment, imma li jkun ġeneralment stipulat li r-referenzi għall-PRS li jinsabu fl-atti bażiċi jridu jinqraw bħala referenzi għall-Artikolu 290, rispettivament l-Artikoli 290 jew 291. Skont dan l-approċċ kull att bażiku individwali dejjem kien ikollu jkun jinqara flimkien mar-regolament Omnibus rilevanti, li kieku ġie adottat.

Minħabba d-diffikultajiet li kellu l-iktar il-Kunsill dwar din it-teknika, l-approċċ magħżul f'din il-proposta huwa differenti. Issa l-proposta hija li jiġi emendat kull att bażiku kkonċernat. Dan hu simili għall-approċċ magħżul meta ġew introdotti d-dispożizzjonijiet tal-PRS feżerċizzju simili fl-2007¹². Għaldaqstant, għal kull att bażiku jsiru għadd ta' emendi. L-għażla tal-kliem tad-dispożizzjoni ta' awtorizzazzjoni, jiġifieri t-test li fih l-awtorizzazzjoni sostantiva għall-PRS, inbidlet u ssegwi l-għażla tal-kliem maqbula fil-klawżoli standard għall-artikoli li jiddelegaw is-setgħat. L-artikolu standard dwar l-eżerċizzju tad-delega, jiġifieri l-artikolu proċedurali, jiddaħħal f'kull att bażiku u r-referenzi għall-PRS jitħassru. Għal kull att jissemma espliċitament jekk l-awtorizzazzjoni tippermettix emenda tal-att bażiku. Il-klawżoli standard il-ġodda li jipprevedu l-konsultazzjoni tal-esperti tal-Istati Membri fit-tħejjija tal-atti delegati issa hija inkluża f'kull att bażiku. L-ebda awtorizzazzjoni ma tipprevedi emendi ta' atti oħrajn.

Fir-rigward tal-**għażla bejn awtorizzazzjonijiet ta' atti delegati u atti ta' implimentazzjoni**, il-proposti ta' allinjament tal-2013 bdew mill-preżunzjoni li l-miżuri koperti mill-proċedura regolatorja bi skrutinju fil-prinċipju jikkorrispondu għal dawk li jistgħu jkunu koperti minn delega ta' setgħat kif imsemmi fl-Artikolu 290 TFUE.

Il-preżunzjoni ġenerali li hija l-bażi għall-proposta l-ġdida hija li l-valutazzjoni li saret fil-proposti Omnibus tal-2013 tibqa' valida. La n-negozjati dwar l-Omnibus 2013, la l-ġurisprudenza dwar is-sugġett¹³, u lanqas l-eżitu tal-Ftehim interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ma rriżultaw fi kriterji ġodda li kienu jitolbu rivalutazzjoni globali.

Fir-rigward tad-**dewmien tal-awtorizzazzjoni**, il-Kummissjoni tipproponi awtorizzazzjonijiet b'dewmien indeterminat. Fin-negozjati tal-proposti tal-2013 kemm il-Kunsill u kemm il-Parlament Ewropew kienu favur dewmien fiss ta' 5 snin b'tiġdid awtomatiku wara rapport mill-Kummissjoni li jrid jiġi ppreżentat qabel ma tiskadi d-delega. Fil-proposta l-ġdida, il-Kummissjoni żżomm il-pożizzjoni tagħha li dewmien indeterminat ta' awtorizzazzjoni jkun iġġustifikat minħabba li l-leġiżlatur għandu l-possibbiltà li jirrevoka l-awtorizzazzjoni f'kull każ u f'kull ħin. Fl-aħħar nett, il-Ftehim Interistituzzjonali jwassal ukoll għal aktar trasparenza fir-rigward ta' att delegat, l-iktar permezz tar-Reġistru konġunt għal Atti Delegati li l-

⁹ ĠU L 399, 30.12.2006, p. 1.

¹⁰ ĠU L 199, 31.7.2007, p. 1

¹¹ ĠU L 341 tal-24 ta' Diċembru 2015, p. 1.

¹² Ir-Regolament (KE) Nru 1137/2008, ĠU L 311, 21.11.2008, p. 1

¹³ Il-Kawża C-88/14 il-Kummissjoni vs il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, il-Kawża C-286/14 il-Parlament Ewropew vs il-Kummissjoni u l-Kawża C-472/12 il-Kummissjoni vs il-Parlament Ewropew u l-Kunsill

istituzzjonijiet ikunu qablu li jwaqqfu sa' tmiem l-2017. Dan ir-reġistru se jkun jippermetti ħarsa kumplessiva lejn l-atti delegati skont l-istrumenti kollha.

3. Bażi ġuridika, sussidjarjetà

Din il-proposta hija bbażata fuq il-bażijiet ġuridiċi tal-atti bażiċi emendati. Din l-inizjattiva hija relatata esklussivament mal-proċeduri li jridu jiġu applikati fil-livell tal-Unjoni fl-adozzjoni ta' atti bbażati fuq setgħat ikkonferiti.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jadatta għadd ta' atti legali fil-qasam tal-Ġustizzja li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv ġie trażmess lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) It-Trattat ta' Lisbona introduċa distinzjoni bejn is-setgħat delegati lill-Kummissjoni biex tadotta atti mhux leġislattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġislattiv (atti delegati), u s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni biex tadotta atti biex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti (atti ta' implimentazzjoni).
- (2) Il-miżuri li jistgħu jkunu koperti minn delegi ta' setgħat, kif imsemmi fl-Artikolu 290(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jikkorrispondu fil-prinċipju ma' dawh koperti mill-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita mill-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE¹⁴.
- (3) Proposti preċedenti relatati mal-allinjament tal-leġislazzjoni li ssemmi l-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-qafas legali introdott mit-Trattat ta' Lisbona¹⁵ ġew irtirati¹⁶ minħabba l-istaġnar tan-negozjati interistituzzjonali.
- (4) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni sussegwentement qablu dwar qafas ġdid għal atti delegati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-

¹⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23).

¹⁵ COM(2013) 451 final, COM(2013) 452 final u COM(2013) 751 final.

¹⁶ (2015/C 80/08), ĠU C 80 tas-7.02.2015, p. 17.

13 ta' April 2016¹⁷ u għarfu l-bżonn ta' allinjament tal-leġislazzjoni eżistenti kollha mal-qafas legali introdott mit-Trattat ta' Lisbona. B'mod partikolari, qablu dwar il-bżonn li tingħata prijorità għolja għall-allinjament fil-pront tal-atti bażiċi kollha li għadhom jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tħejji proposta għal dak l-allinjament sa tmiem l-2016.

- (5) L-awtorizzazzjonijiet fl-atti bażiċi li jstipulaw l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju jissodisfaw il-kriterji fl-Artikolu 290 tat-TFUE u jenħtieġ li jiġu adottati għal dik id-dispożizzjoni.
- (6) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaffettwax il-proċeduri pendenti li l-kumitat diġà ta l-opinjoni tiegħu dwarhom skont l-Artikolu 5a tad-Deċizzjoni 1999/468/KE qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (7) Jenħtieġ li għalhekk l-atti kkonċernati jiġu emendati skont dan.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-atti elenkati fl-Anness huma emendati kif stabbilit fihom.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament ma jaffettwax il-proċeduri pendenti li kumitat ikun diġà ta l-opinjoni tiegħu dwarhom skont l-Artikolu 5a tad-Deċizzjoni 1999/468/KE.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fi jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

¹⁷ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.